Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru 337/2001

**PULIZIJA**
**SUP. MARTIN BAYLISS**

**VS**

**MARTIN GALEA**

**Illum 28 ta' Ottubru 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Martin Galea ta’ 42 sena, bin Grezju u Lucy mitwielda Borg, imwieled Cospicua, fl-10 ta’ Lulju 1960, u joqghod Paul Louise, Triq Guze’ Ellul Mercer, Qormi, u li ghandu n-numru tal-karta ta’ l-identita’ 554560 M:

Talli nhar il-Hadd, u cioe’ d-29 ta’ April 2001, xi hin bejn l-10.00am u s-1.00pm minn gewwa l-Kumpless ta’ l-Ispecial Assignments Group, gewwa Kandia, limiti tas-Siggiewi, ikkommetta serq ta’ diversi accessorji tal-karozzi minn fuq vettura ta’ l-ghamla Toyota Liteace bin-numru tar-registrazzjoni DBD 431, propjeta’ ta’ Simon Borg minn San Gwann, u liema accessorji jiswew aktar minn Lm100 (mitt lira maltin), izda ma’ jiswewx aktar minn Lm500 (hames mitt lira maltin), ghad-dannu ta’ l-istess Simon Borg u liema serq huwa aggravat, bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe accessorji tal-karozzi, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew, xjentement, b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux reati jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Wara illi rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Mejju 2001;

U wara illi rat l-Artikoli 267, 268, 269, 334 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni, l-Prosekuzzjoni gabet is-sussegwenti xhieda u cioe’ Sup. Martin Bayliss, Spettur Sandro Millo, Simon Borg, l-Ispettur Jason Agius, PS 1428 Jesmond Delia, PS 833 Francis Seychell, PS 1334 Carmel Farrugia, PC 1518 Marvin Camilleri, Brian Farrugia, PC 1526 Michael Degiorgio, PC 729 Kevin Decelis, PC 217 Peter Dibbel, PC 935 Patrick Cassar, PC 124 Emanuel Borg, PC 426 Charlot Casha. Ilkoll xhedu dwar il-fatti ta’ dana l-incident, min li sab xi oggetti fuq il-persuna, jew fi propjeta’, jew taht kontroll ta’ l-istess imputat odjern, u min bhala xhud ta’ identita’ taz-zewg stqarrijiet volontarji maghmula mill-imputat lill-awtoritajiet investigattivi.

Illi sia din ix-xhieda, kif ukoll dawn l-istqarrijiet, iwasslu ghal konkluzzjoni finali, oltre kull dubbju ragonevoli, dwar ir-reita’ ta’ l-istess imputat illi mill-ewwel ammetta l-htija tieghu, liema ammissjoni hija wkoll konfortata bil-korp tax-xhieda prodotta.

Illi l-argument tad-difiza, illi dawn l-oggetti huma ‘mitluqa’ ma jreggix, stante illi:

i) dina l-vettura, kienet fejn kienet taht il-kustodja u sorveljanza tal-Korp tal-Pulizija;

ii) Din il-vettura kellha sid legittimu u cioe’ Simon Borg, li xhed bhala xhud tal-Prosekuzzjoni, u identifika dawk l-oggetti kollha misjuba fil-pussess ta’ l-imputat, bhala li jappartjenu lilu u propjeta’ tieghu.

Ghalhekk, it-teorija ta’ l-oggett abbandunat jew mitluq, stabbilit fil-kawza “Pulizija vs Sghendo”, ma’ jistax jigi applikat f’dan il-kaz.

Illi dwar it-tieni akkuza, din ukoll tinsab sodisfacentement ipprovata, wara illi wiehed jara x-xhieda ta’ PS 1266 Noel Felice tat-12 ta’ Gunju 2001.

Mhux ipprovata, hija t-tielet akkuza, u cioe’ dik ta’ recettazzjoni, li minnha, din il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat, sine qua non.

Rigward il-piena, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali retta ta’ l-imputat u l-fatt li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija, temmen illi piena karcerarja ma’ tapplikax f’dan il-kaz.

Ghaldaqstant, filwaqt li tinfliggi multa ta’ mitejn lira maltin (Lm200), li ghandha tithallas fiz-zmien sitt xhur mil-lum, l-imputat qieghed jigi liberat bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor ghal zmien sentejn mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Din il-Qorti qeghda wkoll tordna l-konfiska tal-vettura in kwistjoni.

Il-Qorti qeghda taghmel suggeriment qawwi lill-Awtoritajiet koncernati illi l-imputat jibqa’ jzomm ix-xoghol tieghu kif inhu llum.

Din il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------